# FEJN JAĦBTU L-GĦOLJIET TA' GĦAWDEX

*Għar Ilma* bejn San Lawrenz u ta' Kerċem minnha 'l hinn. għal ġo t-tramuntana jaħbat aħna u sejrin il-Għarb —ġol-lvant tħares lejn il-Fewdu ta' San Ġorġ, lejn nofs-in-nhar taħbat fuq ta' Kerċem u lejn il-Punent tispara sewwa sew fuq il-għolja l-oħra msejħa Ta' Tbieġi.

*Ta' Tbieġi* lejn S. Lawrenz Kerċem minn ġo't-tramuntana issib quddiemek t-trieq, tal-Għarb, għal ġol-lvant għandha Għar-Ilma, ġo nofs-in-nhar ta' Kerċem u ġol-Punent tisbokka r-raħal ta' S. Lawrenz.

*Ta' Għammàr* bejn l-Għasri u l-Għarb, ġot-tramuntana għandha l-Għasri, ġol-Lvant trieq l-għasri, għal ġo nofs-in-nhar issib it-trieq ta' Pinu.

*Ta' Għelmus* aħna u sejrin il-Għarb, ġol-punent għandha l-Għasri u għal ġot-tramuntana ssib il-Wied Sara.

*Il-Gurdan* in-naħa taż-Żebbuġ għal ġot-tramuntana tħares lejn il-baħar, għal ġol-lvant issib Wied-il-Għasri, fuq nofs-in-nhar taħbat sewwa sew is-Santwarju ta' Pinu u ġol-lvant "Cap San Dimitri".

*Tal-Ħarrax* lejn il-Għasri għal ġol-tramuntana ssib quddiemek il-għolja tad-Dubrani, ġol-lvant trieq Malsalforn ġo nofs-in-nhar il-għolja tal-Kastell fejn hi mibnija l-Katidral u ġol-punent issib quddiemek Iż-Żebbuġ.

*Tad-Dubrani* in-naħa taż-Żebbuġ, minnha tħares għat-tramuntana issib quddiemek il-għolja tal-Kuljat, mill-lvant it-trieq ta' Malsalforn, minn ġo nofs-in-nhar iħares lejn il-għolja tal-Ħarrax u minn fuq il-punent tispara fuq il-għolja taż-Żebbuġ.

*Ta' Kuljat*, bejn Iż-Zebbuġ, ir-Rabat u x-Xagħra. Qiegħda bejn tliet għoljiet, tal-Merżuq tad-Debrani u ż-Żebbuġ tħares minnha għal ġol-lvant issib it-trieq li tieħdok Malsalforn.

*Tal-Merżuq* tiġi 'l hinn minn Malsalforn lejn nofs-in-nhar tħares in-naħa tal-għolja ta' Kuljat u ġol-punent issib il-għolja ta' Ħaż-Zebbuġ. Igħidu li dari din kienet ogħla biċċa kbira milli hi llum u li kienet it-tajjar in-nar. Kien fiha għajn tal-misħun faċċata tat-tramuntana. Il-lum niżlet biċċa sewwa għaliex sisienha tafal. Il-ġebel



tagħha, huwa ħafif, dana juri li din il-għolja ġiet mixruba min-nar, minnha 'l hinn hemm għolja oħra jgħidulha l-Qollha s-Safra u tarġa' minn din 'l hinn hemm oħra msejħa l-Qolla l-Bajda.

*In-Naffara* taħbat fuq ir-riħ tax-Xagħra minnha 'l hinn għal ġot-tramuntana ssib ir-ramla ġol-lvant taħbat l-għolja tan-Nadur għal ġo nofs-in-nhar tisbokka it-trieq tal-Imġarr u lejn il-punent tagħha ssib l-għolja tax-Xagħra li fil-miktba nsibuha miktuba Kaċċa.

R.M.B.

## TALB TA' WIEĦED IMDAĦĦAL FIŻ-ŻMIEN

Mulejja, lilek il-qima, għax lilek tistħoqq; għax inti Alla, il-Missier, il-Ħallieq.

Kollok għerf, taf kemm aħna dgħajfin, kif nitqarqu u niġġarfu minn xejn. Kollok imħabba, tħenn, tagħder u taħfer. Jien nistqarr dnubieti. Niedem, nitolbok ħniena u maħfra, jekk jista' jkun. Naf illi ma jistħoqqulix, iżda naf ukoll illi l-imħabba u l-ħniena tiegħek huma bla tarf.

Mulejja, jiena nfaħħrek u nqimek u niżżik ħajr minn kull ma għamilt miegħi sal-lum, u nitolbok tibqa' tieqaf miegħi sa kemm nintemm.

Kull ma nitolbok għalija nitolbok għal għajri. Agħtina d-dawl, sabiex insibu t-trieq illi wriena ibnek, Sidna Ġesù, sabiex hekk, mexjin fuqha, naslu għandek.

Nemmen illi Inti ħlaqtna biex inħobbuk u biex naqduk. Jiena nħobbok fuq kollox u nixtieq naqdik kif jixraq.

Kull ma għandi tiegħi hi r-rieda, u din, tiegħi għax tajthieli Int. Jiena nroddhielek bil-qalb: ikun li trid Int.

Nitolbok tagħtini l-qawwa u l-ħila sabiex inġib salibi bissabar, mingħajr tnikkir, mingħajr tgemgim, mingħajr tnewwieħ. Biss nitolbok, jekk jista' jkun, tbiegħed minni l-ħruxija ta' l-imrar; madankollu, jekk dan ma jistax ikun, ikun li trid Int.

Mulejja, jien sejjer nitfi d-dawl, qabel norqod. Jasal jum meta d-dawl titfih Int, għax ħajti tkun intemmet. Nitolbok, meta jasal dak il-waqt, l-aħħar ħsieb tiegħi jkun fik.

Mulejja, lilek il-qima, għax lilek tistħoqq; għax Inti Alla, il-Missier, il-Ħallieq. Amen.

(1) Min kiteb dan it-talb kiteb kif jemmen u kif iħoss hu; ta' nisrani. Barra minn dan, kiteb meqjus u rżin bħal ma jikteb min ġarrab bosta f'ħajtu: u kiteb bi lsien malti li ma fih xi tmaqdar xejn. Għal dan kollu dehrilna li għandna nġibuh f'"Il-Malti".

N. t. D.